**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. GIANNELLA CAMILLERI BUSUTTIL**

**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum 24 ta' Jannar 2024**

**Drogi Każ Numru: 122/2018**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Mark Anthony Mercieca)**

**kontra**

**Darryl Anthony Anderson**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' Darryl Anthony Anderson ta' għoxrin (20) sena, imwieled Pieta, nhar l-għaxra (10) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u sebgħa u disgħin (1997), iben il-mejjet Terence Arthur u Josephine nee' Mamo, residenti: Blokk VII, Flat 3, Triq il-Fontanier, Qormi u detentur tal-karta ta' l-identita numru 457197M.

Billi int akkużat talli nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018), f'xi ħin filgħodu ġewwa Triq l-Abate Rigord, Ta' Xbiex;

1) Kellek fil-pussess tiegħek id-droga Kokaina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kontx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-raba' (4) u s-sitt (6) Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kontx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li timmanifattura, jew li tforni d-

droga msemmija u meta ma kontx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollok id-droga msemmija fil-pussess tiegħek u nqast li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilek għall-użu tiegħek skond ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta Malta, **liema droga instabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħek.**

2) Talli fl-istess data, ħin u ċirkostanza soqt vettura b'numru tar-registrazzjoni DAH956, ta' għamla Mazda u soqt l-imsemmija vettura mingħajr ma kellek liċenzja tas-sewqan maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija. Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65.

3) Talli fl-istess data, ħin u ċirkostanza soqt vettura b'numru ta reġistrazzjoni DAH956, ta' għamla Mazda u soqt l-imsemmija vettura mingħajr ma kont kopert b'polza ta' sigurtà dwar ir-riskji għat-terzi persuni. Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104.

4) Talli sirt reċediv b'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Maġistrat Dr F. Depasquale LLD datata nhar il-ħdax (11) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

5) Talli nqast milli tħares xi waħda, w/jew iktar minn waħda, mill-kundizzjonijiet imposti fuqek mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), b'digriet mogħti mill-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D li permezz tiegħu int ingħatajt il-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet fosthom li ma tikkomettix reat ieħor u li tiffirma ġewwa l-Għassa ta' Ħal Qormi kull nhar ta' Tnejn, Erbgha u Ġimgha u kif ukoll li tirtira ġewwa d-dar fejn toqgħod mhux iżjed tard mid-disgħa ta' filgħaxija (9 p.m.) u ma toħroġx minn hemm qabel is-sebgħa (7a.m.) ta' filgħodu.

Il-Qorti hija mitluba illi f'każ ta' ħtija, l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest għandu jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta ai termini ta' l-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-qorti hija ukoll mitluba li f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-Digriet ta' Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri ta' nhar id-disgħa (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), li permezz tiegħu din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif preseduta[1];

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali datat it-tnejn u għoxrin (22) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018), maħruġ ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, li permezz tiegħu l-Avukat Ġenerali ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti sabiex iwieġeb għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu għal ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza[2];

Semgħet fl-udjenza ta' nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) lill-partijiet jiddikjaraw li kienu qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti kif preseduta milli terga' tisma' lix-xhieda li kienu diġa xehdu u l-provi li kienu miġjuba f'dawn il-proċeduri qabel ma din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta;

Rat illi fl-udjenza tal-ewwel (1) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) l-imputat wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu;

Rat illi fl-udjenza ta' nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Ottubru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), id-difiża talbet lil din il-Qorti sabiex tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u sabiex tressaq il-provi relattivi;

Rat illi permezz ta' digriet datat erbgħa u għoxrin (24) ta' Frar tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022)[3], din il-Qorti kif diversament preseduta assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u ai termini ta' l-Artikolu 8(3) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta rriferiet lill-imputat quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga;

Rat in-nota tal-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ta' nhar is-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) minn fejn jirriżulta

---

[1] A fol. 151 tal-atti proċesswali
[2] A fol. 14 tal-atti proċesswali
[3] A fol. 139 tal-atti proċesswali

li l-Bord kien sodisfatt bil-proċess ta' rijabilitazzjoni tal-imputat u għalaq il-każ tiegħu b'suċċess;

Semgħet id-depozizzjoni tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ta' nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) u rat li ma kinetx tirriżulta l-ħtieġa li din il-Qorti ssejjaħ kawżi oħra rigwardanti l-imputat;

Semgħet lill-prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għall-provi prodotti, kif ukoll it-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi :-

1. **PS 309 Brian Xuereb**[4] xehed illi fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) kien ġie nfurmat mill-Uffiċjali tar-*Rapid Intervention Unit* li kienu waqfu żewġ vetturi filwaqt li kienu qegħdin jagħmlu *road checks* ġewwa Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex u li kienet instabet sustanza suspettuża. Ix-xhud jgħid li huwa kien mar fuq il-post u ħa d-dettalji tal-persuni li kien hemm fil-vetturi, li rriżulta li kienu l-imputat Darryl Anthony Anderson, Christian Farrugia, Charles Agius u Christian Calleja. Huwa jgħid li kien għamel rapport fuq l-akkadut u kien informa lill-Ispettur li kien tah istruzzjonijiet sabiex iżomm lill-imsemmija persuni arrestati sabiex isiru l-investigazzjonijiet. Fir-rigward tal-imputat odjern, ix-xhud igħid li huwa kien ġie nfurmat li kienu sabulu żewġ pakketti suspettużi, liema pakketti kienu ġew mgħoddija lill-Ispettur. Ix-xhud ikkonferma ukoll li huwa kien ħejja r-rapport li jinsab eżebit in atti[5].

2. **PC 674 Nigel Mallia**[6] stazzjonat r-*Rapid Intervention Unit,* xehed illi fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) għall-ħabta ta' nofs il-lejl u għoxrin (12.20 a.m.), hu u PC 250 kienu qegħdin jagħmlu *road checks* u kienu waqqfu vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DAH 956. Ix-xhud igħid li x-xufier ta' din il-vettura li rriżulta li kien l-imputat Darryl Anthony Anderson kien aġitat ħafna. Huwa jgħid li kienet saret tfittxija fuq

[4] A fol 18a tal-atti proċesswali
[5] A fol. 10 tal-atti proċesswali
[6] A fol. 21a tal-atti proċesswali

il-persuna tal-imputat minn PC 250 fejn fil-bwiet tal-qalziet instabu xi *sachets* suspettati kokaina. Għaldaqstant huma kienu nfurmaw lill-Pulizija tad-Distrett u kien irrikora fuq il-post PS 309 u l-imputat kien ġie arrestat. Ix-xhud igħid ukoll li flimkien mal-imputat kien hemm il-passiġġier Christian Farrugia li ġie ukoll meħud l-Għassa tal-Pulizija tal-Imsida. PC 674 igħid ukoll li l-oġġetti relatati mad-droga huma kienu għaddewhom lil PS 309.

3. **PC 250 Clayton Caruana**[7] xehed illi fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) għall-ħabta ta' nofs il-lejl u għoxrin (12.20a.m.), filwaqt li hu flimkien mal-kollegi tiegħu kienu qegħdin jagħmlu *roadchecks* fi Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, kienu nnutaw vettura ġejja fuqhom li kellha n-numru ta' reġistrazzjoni DAH 956 u kienu ddeċidew li jwaqqfu din il-vettura u jieħdu d-dettalji tal-liċenzja u tal-*insurance* tax-xufier tal-istess vettura. PC 250 igħid li huma setgħu jinnutaw li x-xufier, li rriżulta li kien l-imputat Darryl Anthony Anderson kien naqra eċitat u beda jitriegħed u ddeċidew li jagħmlu tfittxija fuq il-persuna tiegħu, kif ukoll fuq il-passiġġier ċertu Christian Farrugia. Ix-xhud igħid li huwa personalment kien għamel it-tfittxija fuq iż-żewġ persuni, kif ukoll fil-vettura. Huwa igħid li fil-vettura ma nstab xejn irregolari u lanqas ma nstab xejn irregolari fuq Christian Farrugia. Madanakollu fuq il-persuna tal-imputat Darryl Anthony Anderson, fil-bwiet tal-qalziet tiegħu, kemm tal-lemin, kif ukoll tax-xellug, kienu nstabu pakketti żgħar bojod ta' sustanza bajda. Huwa jgħid li dawn il-pakketti huwa kien għaddihom lis-Surġenti, għaliex imbagħad fuq il-post kienu waslu s-Surġenti tad-Distrett. Ix-xhud igħid ukoll li wara li l-imputat kien ingħata d-dritt tal-avukat u d-drittijiet kollha tiegħu, huwa kien ammetta magħhom li l-pakketti li nstabu kien fihom id-droga kokaina. In kontro-eżami, ix-xhud igħid li l-pakketti tad-droga kien għaddihom lil PS 674.

4. **L-Ispettur Mark Anthony Mercieca**[8] xehed illi fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018), għall-ħabta tas-siegħa neqsin kwart ta' filgħodu (12.45a.m.), meta kien Spettur inkarigat mill-Għassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema, kien ġie nfurmat minn PS 309 li kien stazzjonat ġewwa l-għassa tal-Pulizija tal-Imsida li l-membri tar-*Rapid Intervention Unit* kienu waqfu

[7] A fol. 27 tal-atti proċesswali
[8] A fol. 32 tal-atti proċesswali

żewġ vetturi ġewwa Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, u li l-persuni li kienu ġewwa fihom kienu qegħdin iġorru xi sustanza illeċita. L-Ispettur igħid li huwa kien ġie nfurmat ukoll li ġewwa l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DAH 956 kien hemm l-imputat Darryl Anthony Anderson u ċertu Christian Farrugia u hu kien ordna l-arrest tagħhom sabiex jitkomplew l-investigazzjonijiet.

L-Ispettur Mercieca xehed li dakinhar stess huwa kien kellem lill-imputat. Huwa jgħid li wara li l-imputat kien għażel li jikkonsulta mal-avukat ta' fiduċja tiegħu Dr. Amadeus Cachia, l-imputat kien irilaxxa stqarrija, fejn kien ammetta li s-sustanza li kienet instabet fuqu kienet droga kokaina, li kien xtraha għall-użu personali tiegħu, li kien xtraha fi kwantita' waħda u li kien hu stess li kien qasamha f'biċċiet żgħar u għamilha f'żewġ pakketti differenti. L-Ispettur jispjega ukoll li s-sustanza kienet intiżnet fil-preżenza tal-imputat, fejn pakkett minnhom kellu l-ammont ta' erbgħa punt zero tnejn grammi (4.02g) u l-pakkett l-ieħor kellu l-ammont ta' wieħed punt disgħa zero ħamsa grammi (1.905g). Ix-xhud igħid li dawn il-pakketti ġew issiġġilati f'*evidence bag* fil-preżenza tal-imputat stess, liema *evidence bag* ġie eżebit mix-xhud u ġie mmarkat bħala 'Dok MM1'.

L-Ispettur Mercieca spjega li waqt l-istqarrija tiegħu l-imputat kien stqarr li huwa jikkonsma mal-ħames mitt ewro droga fil-ġimgħa u stqarr ukoll li l-paga tiegħu kienet ta' bejn elf u tmien mija u elfejn ewro fix-xahar. Ix-xhud igħid ukoll li kienet saret tfittxija fid-dar tal-imputat, fejn kemm hu, kif ukoll PC 603 kienu preżenti u ma kien instab xejn relatat mad-droga. L-Ispettur Mercieca igħid ukoll li l-imputat stqarr li huwa ma kellux liċenzja valida tas-sewqan. Ix-xhud għaraf il-firma tiegħu, il-firma tal-imputat u l-firma ta' PC 603 fuq l-istqarrija rilaxxata mill-imputat.[9] Ix-xhud żied ukoll li ġewwa d-dokument immarkat bħala 'Dok MM1' preżentat minnu stess, hemm ukoll diversi boroż tal-plastik simili li kienu vojta u li għandhom xi truf maqtugħin.

5. **Stephen Cachia**[10] li xehed in rappreżentanza ta' Transport Malta, igħid li huma ġew mitluba jagħmlu riċerka fuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DAH 965 li rriżulta li hija vettura tal-għamla Hyundai Accent ta' kulur abjad.

[9] A fol. 7 tal-atti proċesswali
[10] A fol. 39 tal-atti proċesswali

Ix-xhud igħid ukoll li din il-vettura hija reġistrata fuq Gorġ Falzon detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 346658(M) u li din il-vettura ilha hekk reġistrata sa mis-sittax (16) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u sebgħa u disgħin (1997). Ix-xhud igħid li huma ġew ukoll mitluba jagħmlu riċerka rigward il-liċenzja tas-sewqan tal-imputat Darryl Anthony Anderson detentur tal-karta tal-identita bin-numru 457197(M) u mir-riċerka li saret irriżulta li m'għandu l-ebda kategorija tal-liċenzja tas-sewqan. Ix-xhud eżebixxa dokument li ġie mmarkat bħala Dok SC[11].

**Stephen Cachia** reġa' ddepona quddiem din il-Qorti[12] u ddikjara li huma kienu ġew mitluba jagħmlu riċerka dwar il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DAH 956. Ix-xhud igħid li rriżulta li din il-vettura hija tal-għamla Mazda 323 ta' kulur aħmar u li kienet irreġistrata fuq Vincent Abela detentur tal-karta tal-identita' numru 348574(M), għan-nom ta' Pajsu Auto Dealer, bejn it-tlieta u għoxrin (23) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) u l-ħdax (11) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) meta l-vettura ġiet trasferita fuq Anthony Tanti detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 772755(M) għan-nom ta' Toper Auto Dealer. Ix-xhud preżenta ukoll dokument li ġie mmarkat bħala 'Dok SC1'.[13]

6. **PC 1264 Shaun Cumbo[14]** stazzjonat l-Għassa tal-Pulizija tal-Imsida, xehed illi fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018), hu flimkien ma' PS 309 kienu marru Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, wara li kienu ġew infurmati li kienu ġew imwaqqfa xi persuni mill-membri tar-*Rapid Intervention Unit.* Ix-xhud igħid li huwa kien wassal lil PS 309 fuq il-post u kien reġa' mar l-Għassa tal-Pulizija tal-Imsida. Huwa igħid ukoll li wara ħafna ħin kien reġa' sejjaħlu PS 309 u dan sabiex imorru mal-persuna li kienet arrestata, Darryl Anthony Anderson, li huwa għaraf bħala l-imputat fl-awla, sabiex iġibulu xi mediċina u wara jibqgħu sejrin bih il-*lockup*.

[11] A fol. 41 tal-atti proċesswali
[12] A fol. 72 tal-atti proċesswali
[13] A fol. 74 tal-atti proċesswali
[14] A fol. 48 tal-atti proċesswali

7. **PC 603 John Buttigieg**[15] stazzjonat l-għassa tal-Pulizija ta' tas-Sliema, ikkonferma li huwa kien preżenti għat-teħid tal-istqarrija tal-imputat u huwa għaraf il-firma tiegħu, tal-imputat u tal-Ispettur fuq l-istqarrija li ġiet murija lilu. Ix-xhud igħid ukoll li huma kienu marru jagħmlu tfittxija ġewwa r-residenza fejn kien jirresjedi l-imputat u cioe' ġewwa Blokk 7, Flat 3, Triq il-Fontanier, Ħal Qormi u f'dan l-appartament ma kienu sabu xejn. Huwa igħid li preżenti għal din it-tfittxija kien hemm hu, l-Ispettur Mark Mercieca, kif ukoll l-imputat.

8. **L-Ispettur Neville Mercieca**[16] ġie muri d-digriet datat l-ewwel (1) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016) ta' din il-Qorti diversament preseduta[17] u huwa kkonferma li fl-ewwel (1) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016) huwa kien ressaq lill-imputat il-Qorti u l-imputat kien ingħata l-ħelsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijier fosthom li jiffirma l-għassa tal-Pulizija ta' Ħal Qormi, nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa bejn is-sebgħa ta' filgħodu (7 a.m.) u s-sebgħa ta' filgħaxija (7 p.m.) u li ma joħroġx mir-residenza tiegħu qabel is-sebgħa ta' filgħodu (7a.m.). Ix-xhud igħid ukoll li dawk il-proċeduri waslu fi stadju tal-provi tad-difiża.

9. **L-Ispiżjar Godwin Sammut**[18] li kien ġie nominat minn din il-Qorti nhar l-ewwel (1) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) sabiex janalizza s-sustanza eżebita f'Dokument MM1 u sabiex jagħti l-valur tal-istess sustanza xehed u preżenta r-rapport tiegħu li ġie mmarkat bħala 'Dok GS'. Huwa kien ingħata *evidence bag* li kien fih żewġ biċċiet tal-plastik trasparenti li waħda minnhom kien fiha ħames (5) qratas tal-plastik li kien fihom sustanza ta' lewn abjad u l-biċċa tal-plastik l-oħra kien fiha seba' (7) qratas tal-plastik li ukoll kien fihom sustanza ta' lewn abjad. Illi mir-riżultanzi miksuba minn l-istess espert huwa kkonkluda li s-sustanza kienet kokaina b'piż totali ta' 4.29 grammi u purita ta' circa 18%.[19]

---

[15] A fol. 51 tal-atti proċesswali
[16] A fol. 54 tal-atti proċesswali
[17] A fol. 9 tal-atti proċesswali
[18] A fol. 57 tal-atti proċesswali
[19] A fol. 62 tal-atti proċesswali

10. **Vincent Abela**[20] li xehed in rappreżentanza ta' Pajsu Auto Dealer ġie mistoqsi dwar il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DAH956 iżda stqarr li huwa ma jiftakarx lil min kien biegħ din il-vettura.

Illi d-difiża ressqet is-segwenti xhieda u provi:-

11. **L-imputat**[21] xehed illi fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018), huwa kien ġie mwaqqaf f'*roadblock* u fuqu l-Pulizija kienu sabulu xi sitt (6) grammi kokaina tal-pipa li kienu għall-użu tiegħu personali. Huwa igħid li dak iż-żmien kellu l-vizzju tad-droga kokaina u kien ikun irid jieħu 'l ħin kollu pero jgħid li issa ma kienx għad għandu dan il-vizzju. L-imputat igħid li dak iż-żmien huwa kien juża ħafna droga u kien jixtri dak l-ammont biex id-droga tiġih irħas u jifranka l-flus. Jgħid li bl-għajnuna ta' ommu u t-tfajla tiegħu, u bil-kuraġġ tiegħu, huwa kien irnexxielu joħroġ minn dan il-vizzju. L-imputat igħid li d-droga li nstabet kienet għalih u kienet imqassma f'pakketti sabiex huwa jkun jaf x'ammonti qiegħed ipejjep. In kontro-eżami igħid li d-droga kien xtraha ftit qabel ma waqfuh il-Pulizija u li ma jiftakarx minn fejn kien xtraha. Huwa jgħid li nesa kemm kien xtraha għax ilu maqtugħ minn dawn l-affarijiet. L-imputat igħid ukoll li l-Pulizija waqfuh ftit qabel jew ftit wara nofs il-lejl u li huwa kien għadu kif mar jixtri d-droga u kien sejjer lejn id-dar. Huwa jgħid li kien jonfoq fuq is-sebgħa mija, tmien mija kuljum u paga kellu xi mitejn fil-ġimgħa. L-imputat jispjega li kien imantni l-vizzju billi kien jieħu l-flus ta' ommu. L-imputat innega li kien ibiegħ sabiex imantni l-vizzju.

12. **Dr. Roberta Holland**[22] li kienet ġiet nominata minn din il-Qorti fuq talba tad-difiża sabiex teżamina lill-imputat u tagħmel il-kostatazzjonijiet tagħha, xehdet u preżentat rapport fejn ikkonkludiet li l-imputat kien dipendenti fuq id-droga fi żmien tal-każ odjern. Madankollu, tgħid li l-imputat illum għamel progress u m'għadux imiss id-droga, għandu livell tajjeb ta' stabbilita fir-relazzjonijiet ma dawk viċin tiegħu u għandu ukoll xogħol stabbli. Rigward bżonnijiet ta' trattament, tgħid li l-imputat jibbenefika minn gwida u sorveljanza sabiex jibqa' fl-istess triq u ma jerġax jirkadi.

[20] A fol. 87 u 92 tal-atti proċesswali
[21] A fol. 110 tal-atti proċesswali
[22] A fol. 122 tal-atti proċesswali

**13.L-Uffiċjal tal-Probation Sarah Bezzina**[23] li kienet isegwi lill-imputat bejn Diċembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u l-ħamsa (5) ta' Frar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) xehdet li l-imputat kellu l-problema ta' droga, iżda meta bdiet isegwih hi din il-problema ma kinetx għada hemm. Tgħid li kienu ttieħdu kampjuni tal-urina, fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) u fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Jannar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) u dawn kienu rriżultaw fin-negattiv għas-sustanzi illeċiti ta' kannabis, kokaina u eroina.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-ewwel imputazzjoni – Pussess Aggravat tad-droga kokaina</u>**

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-imputat jinsab akkużat illi kien fil-pussess mhux għall-użu esklussiv tad-droga kokaina u dan fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018). Kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija -vs- Brian Caruana*** deċiża fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn (2002):-

> *"..kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu eskluzziv tal-akkuzat fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha il-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu u ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika u l-buon sens u bazata fuq il-fatti , ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzjoni possibbli."*

Fil-kawża odjerna jirriżulta li wara li fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) saret tfittxija mill-Uffiċjali tal-Pulizija fuq il-persuna tal-imputat, instabu pakketti żgħar li kien fihom sustanza bajda. Illi mir-relazzjoni tal-espert Godwin Sammut[24] jirriżulta li l-espert kien ingħata envelop ta' lewn kannella li kien fih:-

[23] A fol. 136 tal-atti proċesswali
[24] A fol. 59 tal-atti proċesswali

*"Envilop ta' lewn kannella ieħor li fih:* ***evidence bag bin-numru S00166522 li fih żewġ biċċiet tal-plastik trasparenti li waħda minnhom fiha 5 qratas tal-plastik li fihom sustanza ta' lewn bajda u l-oħra fiha 7 qratas tal-plastik li fihom sustanza ta' lewn bajda."***

Illi mir-riżultati miksuba l-espert ikkonkluda :-

*" (a) Illi fuq estratti meħuda mit-trab ta' lewn abjad li hemm fid-dokument immarkat S/B/424/2018 instabet is-sustanza* ***Kokaina****. Il-piż total tat-trab kien ta'* ***4.29 grammi*** *u l-purita' kienet ta' ċirka* ***18%.*** *Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima 1 tal-Kapitlu 101 tal-Liġijiet ta' Malta."*

Illi jirriżulta ukoll li l-piż hawn fuq imsemmi kien mqassam kif ġej:- (a) il-**piż tal-ħames qratas tal-plastik kien dak ta' 1.21grammi**, bl-***"average piż tas-sustanza kien 0.24g kull qartas."***[25] u (b) il-**piż tas-7 qratas tal-plastik kien dak ta' 3.08grammi,** bl-***"average piż tas-sustanza kien 0.44g kull qartas."***

L-imputat fl-istqarrija[26] tiegħu jgħid illi huwa għandu l-vizzju ta' droga u jieħu l-kokaina bil-pipa, u jieħu kemm ikollu. Huwa jgħid li jaqla' bejn 1800 u 2000 euro fix-xahar u jonfoq madwar 500 ewro fil-ġimgħa u li jittallab il-flus mingħand tal-familja sabiex igħinuh. Meta mistoqsi dwar is-sustanza li nstabet fuqu l-imputat igħid li *"Dik Coke tal-Pipa",* u li s-sustanza hija tiegħu u li kien xtraha tlett mitt ewro (€300). L-imputat igħid hekk meta huwa ġie mistoqsi fir-rigward tal-mod kif kienet maqsuma d-droga u l-boroż tal-plastik li nstabu fuqu:-

*M. Għaliex qegħdin maqsumin f'żewġ boroż?*

*T. Dawk jien ippakjajthom sabiex inkun x'ammont inkun qed nieħu.*

*M. Qed nurik boroż tal-plastika fl-istess borża issiġġillati mal-qratas, tista' tgħidli x'inhuma ?*

*T. Ma nafx.*

*M. Dawn il-boroż il-vojta huma tiegħek ?*

*T. Iva.*

[25] A fol. 61 tal-atti proċesswali
[26] A fol. 7 tal-atti proċesswali

*M. Il-boroż tal-plastika biex qtajtilhom il-kantunieri?*

*T. Sibt xafra u qtajthom biha u wara x-xafra armejtha.*

*M. Għalfejn ma fihomx kantunieri?*

*T. Ma nafx*

*M. Is-sustanza l-bajda inti ippakjajtha ġol-qratas?*

*T. Iva jien.*

*M. Mela kif xtrajtha s-sustanza, biex kellek toqgħod taqsamha inti?.*

*T. Xtrajtha sħiħa u qsamtha sabiex inkun naf x'ammont qed nieħu.*

*M. Jiġifieri inti qed tgħidli li dawn kienu kollha għall-użu personali tiegħek ?*

*T. Iva.*

*M. Allura ma stajtx tfajthom ġo borża normali milli qgħadt tifridhom ġo boroż differenti u toqgħod taqtagħhom żgħar ?*

*T. Tfajthom hekk sabiex waħda naħbiha u l-borża l-oħra noqgħod nilgħab biha jien.*

*M. X'jiġifieri tilgħab biha ?*

*T. Inpejjipha.*

*M. Darryl ma taħsibx li dawn il-qratas huwa ovvju li inti kont ser tqassamhom lil xi ħadd bil-mod kif ippakjajthom u tqassamhom?*

*T. Le*

*M. U kif qassamthom il-pakketti, użajt xi miżien jew bl-addoċċ?*

*T. Fuq għajnejja qassamthom.*

*M. biex qtajtha l-blokka?*

*T. b'idi."*

L-imputat għażel li jiddeponi ukoll quddiem din il-Qorti, fejn huwa stqarr li s-sustanza kienet imqassma f'pakketti sabiex huwa jkun jaf x'ammonti qiegħed

ipejjep[27]. In kontro-eżami, meta l-imputat ġie mistoqsi meta huwa kien xtara dik id-droga, huwa irrisponda hekk:-

> *"Pros: Meta xtrajtha dik id-droga? Li nstabet fuqek dak inhar.*
>
> *Xhud: Ftit qabel ma waqqaftuni intom. Kont għadni kif inġibha."*[28]

Iktar tard fid-depozizzjoni tiegħu, l-imputat jgħid hekk:-

> *"Pros: Sewwa, tista' tgħidli x'kont qed tagħmel dak il-ħin b'dawk il-qratas maqsumin f'żewġ boroż fuqek dak il-ħin għaddej minn hemmhekk?*
>
> *Xhud: Kont għadni kif mort nixtrihom.*
>
> *Pros: U fejn kont sejjer ?*
>
> *Xhud: Lejn id-dar."*[29]

Illi mill-provi prodotti, m'hemmx dubju li l-imputat kien fil-pussess tal-istess droga ossia biċċa plastik trasparenti li kien fiha ħames qratas tal-kokaina u biċċa plastik oħra trasparenti li kien fiha seba' qratas tal-kokaina, bħalma lanqas hemm dubju li l-imputat kellu x-xjenza li trid il-liġi dwar il-kontenut tal-istess plastik, kif jirriżulta evidenti mill-fatt illi l-ewwel reazzjoni tiegħu hekk kif lemaħ il-vettura tal-Pulizija, kienet dik li aġita ruħu. Dak li l-Qorti jeħtieġ li tiddeċiedi dwaru għalhekk huwa jekk jirriżultax ippruvat fil-grad rikjest mill-liġi li l-pussess tad-droga da parti tal-imputat ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu. Illi jibda biex jingħad li fil-fehma ta' din il-Qorti, il-verżjoni li ngħatat mill-imputat ma hijiex kredibbli. Din il-Qorti ma temminx lill-imputat meta jgħid li huwa kien xtara d-droga sħiħa u qassamha f'ammonti żgħar sabiex ikun jaf x'ammont qiegħed jieħu. L-imputat meta xehed quddiem din il-Qorti stqarr li d-droga huwa kien għadu kif xtraha u stqarr li kien sejjer id-dar meta waqqfuh il-Pulizija. Illi għaldaqstant l-imputat seta' faċilment jqassam l-istess droga f'ammonti żgħar meta jasal id-dar li kieku din id-droga kienet verament għall-użu personali tiegħu. Illi *in oltre* l-Qorti tosserva ukoll li fil-pussess tal-imputat instabu ukoll boroż vojta bil-kantunieri maqtugħa u l-imputat ma kienx jaf jispjega għaliex huwa kellu fil-pussess tiegħu dawn il-boroż.

---

[27] A fol. 111 tal-atti proċesswali
[28] A fol. 112 tal-atti proċesswali
[29] A fol. 113 u 114 tal-atti proċesswali

Dak li jirriżulta għalhekk huwa li l-imputat fis-siegħat bikrin ta' filgħodu kien qiegħed jiġri barra mir-residenza tiegħu fil-pussess ta' tnax-il qartas kontenenti s-sustanza kokaina, liema qratas kienu mqassmin f'zewġ biċċiet tal-plastik separati, b'biċċa tal-plastik waħda kontenenti ħames qratas li kellhom piz kważi identiku u biċċa plastik oħra kontenenti sebat iqratas li kellhom ukoll piż kważi identiku u li kienu evidentement lesti sabiex jiġu spaċċjati. Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-pussess mhux għall-użu esklussiv tad-droga kokajina ġie pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

**<u>It-tieni imputazzjoni – Sewqan ta' vettura mingħajr liċenzja tas-sewqan</u>**

Illi l-imputat jinsab akkużat ukoll li saq il-vettura b'numru ta' reġistrazzjoni DAH956 tal-għamla Mazda, mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan. Illi jirriżulta mill-provi li dakinhar tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018), waqt illi PC 674 Nigel Mallia u PC 250 Clayton Caruana kienu qegħdin iwettqu *roadcheck* ġewwa Triq l-Abate Rigord, Ta' Xbiex, għall-ħabta ta' nofs il-lejl u għoxrin (12.20a.m.) huma waqqfu vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DAH 956 li kienet qegħda tiġi misjuqa mill-imputat odjern Darryl Anthony Anderson. Mid-depozizzjoni ta' Stephen Cachia[30] li xehed in rappreżentanza ta' Transport Malta, jirriżulta li mir-riċerka li saret irriżulta li l-imputat ma għandu l-ebda kategorija tal-liċenzja tas-sewqan. Għaldaqstant din il-Qorti tqis li din l-imputazzjoni ġiet sodisfaċentement ippruvata.

**<u>It-tielet imputazzjoni – Sewqan ta' vettura mingħajr polza ta' assikurazzjoni</u>**

Illi permezz tat-tielet imputazzjoni, l-imputat jinsab akkużat ukoll talli saq l-istess vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DAH 956, mingħajr ma kien kopert b'polza ta' sigurta dwar ir-riskji għat-terzi persuni. Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għal Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> *"Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ħadd ma jista' juża jew iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza."*

[30] A fol. 39 tal-atti proċesswali

Illi Artikolu 3(1A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi s-segwenti:

> *"Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-Artikolu 4(4)."*

Illi l-Artikolu 3(1A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta joħloq preżunzjoni ta' ħtija sa fejn l-imputat ma jippruvax li fil-fatt huwa kellu tali polza. Illi l-Qorti tinnota li mid-dokumenti eżebiti[31] minn Stephen Cachia li xehed in rappreżentanza ta' Transport Malta jirriżulta li l-vettura kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni li nħarġet mill-Middlesea Insurance plc fl-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) u li kienet effettiva sat-tletin (30) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018). Jirriżulta ukoll mill-istess dokument illi l-*policy holder* huwa detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0137322A li mhuwiex l-imputat odjern li huwa detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 457197(M). Illi din il-polza ta' assigurazzjoni qatt ma ġiet eżebita fl-atti proċesswali.

Illi din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- Christian Calleja**[32] deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-erbatax (14) ta' Deiċembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) fejn ingħad illi:-

> *"Illi filwaqt li mill-atti proċesswali jirriżulta li Stephen Cachia (ir-rappreżentant ta' Transport Malta) xehed li fil-ġurnata in kwistjoni l-vettura kienet koperta minn polza ta' assigurazzjoni pero' fl-istess waqt ma jirriżultax li din il-polza ġiet eżebita fl-atti. Jingħad li Artikolu 3(1A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta (li ġie kkwotat aktar 'il fuq) jeżiġi li min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) għandu jġib prova kuntrarja billi "juri" (kelma użata fl-Artikolu in kwistjoni) ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt Artikolu 4(4) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellat allura imputat dan ma għamlux.*
>
> *Illi din il-Qorti hija ben konxja dwar il-fatt li fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna wieħed jista' jinnota diverġenza rigward l-interpretazzjoni ta' Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta u dwar il-prova tal-assigurazzjoni. Din il-Qorti tagħmel*

[31] A fol. 81 tal-atti proċesswali
[32] Appell Numru 469/2022

*riferenza għas-sentenza mogħtija fit-18 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs. Joseph Gatt*** *(Numru 265/2014) fejn ingħad hekk:*

*"Issa kwantu l-oneru tal-prova tal-eżistenza tal-polza ta' assikurazzjoni ma hemmx dubju li tispetta lill-imputat. U dan ai termini tal-Artikolu 3(1A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Issa l-appellant esebixxa kopja ta' polza quddiem l-Ewwel Qorti u din il-Qorti ser tgħaddi biex teżamina l-istess. Din il-polza nħarġet mis-soċjeta' Middlesea Insurance plc fit-12 ta' Marzu 2013 u kienet effettiva sal-11 ta' Marzu 2014. L-assikurat huwa ċertu Joseph Gatt karta tal-identita' numru 0212759(M) li allura ma huwiex l-appellant li għandu karta tal-identita' numru 258395(M) iżda, u preżumibilment missier l-appellant. Din il-polza tkopri ukoll l-użu tal-vettura NOS 200 li hija l-istess waħda interċettata mill-Pulizija filwaqt li kienet misjuqa mill-appellant. L-polza tindika dawk li huma msejħa Limitations as to use u f'dan il-każ huma: Use for social domestic and pleasure purposes and for your own business. Excluding use for hire or reward or for tuition, racing, pace making, reliability, trial or speed testing or for any purpose in connection with the Motor Trade. Dik il-parti intestata* ***Authorised Driver/s Details*** *imbagħad tindika* ***<u>biss</u>*** *The Policy Holder Only;*

*Illi minkejja li l-polza ta' assikurazzjoni tkopri biss lill-persuna li ċertament mhix l-appellant, l-istess appellant jargumenta li kien debitament assikurat u jagħmel dan għal żewg raġunijet. L-ewwel argument tiegħu hu li l-policy schedule fil-paġna 19, iġifieri dik sfilzata minn din il-Qorti, tipprovdi dwar dan. Bid-dovut rigward, il-paragrafu ċitat mill-appellant ma jgħidx, wisq anqas, jipprovdi dak pretiż mill-appellant iżda jgħid biss illi f'każ li l-assikurazzjoni tkun kostretta tagħmel tajjeb għall-eventwalitajiet hemm imsemmija* ***<u>skont il-liġi</u>****, ikollha dritt li tirkupra dak il-ħlas mingħand il-persuna li minħabba fiha ikun sar il-ħlas. L-appellant imbagħad, in sostenn tat-tieni raġuni fl-aggravju tiegħu, jagħmel referenza għal sentenzi ta' din il-Qorti* ***Il-Pulizija vs. Angelo Scuderi*** *(App. Krim. 3.11.2005) u* ***Il-Pulizija vs. Mirko Giannetti*** *(App. Krim. 22.1.2014). B'dan, l-appellant irid issaħħaħ l-argument tiegħu illi la darba l-assikurazzjoni hi dejjem marbuta tagħmel tajjeb għal dejn ċivili favur terzi skont il-liġi, allura s-sewwieq ta' vettura huwa dejjem assikurat. Issa, traċċjat l-insenjament tal-Qrati tul iż-żmenijiet, jidher illi sas-sena 2005, l-*

*Qrati tagħna dejjem fehmu dak li fis-sempliċita' tiegħu jipprovdi l-Artikolu 3 tal-Kap. 104, iġifieri li ħadd ma jista' jsuq vettura bil-mutur jekk ma jkunx debitament assikurat biex jagħmel dan. Dik is-sentenza iżda tippernja fuq id-doveri tal-kumpaniji tal-assikurazzjoni u bid-dovut rigward, l-obbligi u l-kundizzjonijiet li l-kumpaniji tal-assikurazzjoni jassumu mal-Awtoritajiet kompriż ir-Regolatur, sabiex tinħarġilhom u jżommu fis-seħħ il-liċenzji tagħhom bħala assikurazzjoni kompriż l-obbligi tagħhom li jieħu sehem f'pool bħala insurers concerned ma jistgħax jitqies li jeżonera lil kull sewwieq mill-obbligi tiegħu taħt il-Kapitolu 104. Tant hu hekk illi, għad li s-sentenza fl-ismijiet Scuderi kien font ta' referenza għal diversi kawżi anke jekk mhix dejjem segwita, l-Qorti tal-Appell kellha ripensament u fis-sentenza tagħha* **Il-Pulizija vs. Andre Apap** *tal-4 ta' Frar, 2011 rriteniet illi ma taqbilx mad-distinzjonijiet li saru minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenzi tagħha* **Il-Pulizija vs. Angelo Scuderi** *(3.11.2005),* **Il-Pulizija vs. Stefan Apap** *(26.4.2007)* **u Il-Pulizija vs. Charles Galea** *(7.5.2007) u oħrajn "dwar meta tiskatta l-preżunzjoni prevista fis-subartikolu 3(1A) tal-Kap. 104. Is-subartikolu 3(1A) tal-Kap. 104 huwa ċar u inekwivoku fil-portata tiegħu." Din il-Qorti ma tara ebda raġuni għaliex għandha tagħti xi interpretazzjoni diversa għal Artikolu 3(1) u 3(1A) tal-Kapitolu 104 u għalhekk tqis illi l-appellant ma kienx debitament assikurat."*

*Illi tenut kont ta' dak li ġie appena ċitat u ta' dak li ngħad aktar qabel, din il-Qorti tagħmel tagħha l-insenjament hawn fuq ċitat.*

*Din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għal sentenza mogħtija fit-28 ta' Marzu 2023 fl-ismijiet* **Il-Pulizija vs. Moira Micallef** *(Numru 483/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta, wara li għamlet riferenza għas-sentenza hawn fuq ċitata, għamlet riferenza għal dak li ngħad fil-Parlament meta kienet qed tiġi diskussa l-liġi in kwistjoni u mbagħad qalet hekk:*

*"In vista tas-suespost, din il-Qorti temmen illi mhux biss il-vettura għandha tkun assigurata kif enfasizzat l-Ewwel Qorti, iżda wkoll is-sewwieq li jkun qiegħed isuq il-vettura. Fil-każ odjern, is-sewwieq Ryan Azzopardi, ma kellux liċenzja tas-sewqan u għalhekk dan ma setax ikun kopert bil-polza tal-assigurazzjoni esebita fl-atti."*

*Illi f'sentenza mogħtija fil-11 ta' Mejju 2023 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs. Gilbert Gatt*** *(Numru 23/2023) din il-Qorti diversament preseduta saħqet is-segwenti:*

*"F'kull każ, anki kieku l-karozza tkun koperta b'assikurazzjoni, dan ma jfissirx li kull driver li jirkeb fiha, jkunx licenzjat jew le, jkun ukoll kopert b'polza kontra r-riskji tat-terzi persuni għax jistgħu ikun hemm restrizzjonijiet dwar min ikun kopert b'polza partikolari."*

*Illi aktar tard fl-istess sentenza appena ċitata ngħad hekk:*

*"Għalhekk l-appellat [**recte:** l-appellant] kellux [sic] [**recte:** kellu] raġun meta jgħid li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ma sabitx lill-appellat ħati tat-tieni akkuża meta fl-istess nifs sabitu ħati tal-ewwel u t-tielet akkuża u dan anke fuq ammissjoni tal-istess appellat."*

*Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat u tapplikah għal dan il-każ. B'hekk jirriżulta li l-appell tal-Avukat Ġenerali jimmerita li jkun milqugħ."*

Illi għaldaqstant fid-dawl tal-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fuq ċitat u kkunsidrati l-fattispecje tal-każ odjern, kif ukoll in vista tal-fatt li l-imputat ma ġabx prova kuntrarja ai termini tal-Artikolu 3(1A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda ssib lill-imputat ħati ukoll ta' din l-imputazzjoni.

**Ir-raba' imputazzjoni – Reċediva**

Illi permezz tar-raba' imputazzjoni, l-imputat ġie mixli li sar reċediv b'sentenza mogħtija minn din il-Qorti preseduta mill-Maġistrat Dr. Francesco Depasquale nhar il-ħdax (11) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula. Illi l-Qorti tinnota li din is-sentenza qatt ma ġiet eżebita mill-prosekuzzjoni. Illi *in oltre,* mill-fedina penali eżebita in atti jirriżulta li l-imputat kellu kundanna li kienet ingħatat fit-tmienja (8) ta' Novembru u mhux fil-ħdax (11) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) u li f'dan il-każ il-Qorti kienet appikat il-provvedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta għal perjodu ta' sena. Illi għaldaqstant ir-raba' imputazzjoni ma ġietx sodisfaċentement ippruvata.

## Il-ħames imputazzjoni – Ksur tal-kondizzjonijiet imposti fuq l-imputat

Illi permezz tal-ħames (5) imputazzjoni, l-imputat qiegħed jiġi mixli ukoll illi kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu permezz ta’ digriet li ngħata minn din il-Qorti preseduta mill-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech. Minn kopja awtentika tad-digriet eżebita in atti[33], jirriżulta li l-imputat kien ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet permezz ta’ digriet datat l-ewwel (1) ta’ April tas-sena elfejn u sittax (2016). Dan id-digriet jirriżulta li kien għadu fis-seħħ fil-ħamsa u għoxrin (25) ta’ April tas-sena elfejn u tmintax (2018) fil-konfront tal-imputat odjern u dan għaliex l-Ispettur Neville Mercieca li kien l-Uffiċjal Prosekutur f’dawk il-proċeduri xehed quddiem din il-Qorti[34] u kkonferma li l-imsemmi digriet kien ingħata fil-konfront tal-imputat odjern u li fid-data tad-depozizzjoni tiegħu, u cioe’ fid-data tas-sebgħa (7) ta’ Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019), il-proċeduri ma kinux għadhom konklużi u kienu waslu fi stadju tal-provi tad-difiża. Illi l-Qorti tqis li l-imputat wettaq r-reati li tagħhom qiegħed jinstab ħati waqt li kien meħlus mill-arrest, kif ukoll li huwa kien jinsab barra mir-residenza tiegħu f’ħinijiet li kellu jkun fir-residenza tiegħu u dan bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-istess digriet. Għalhekk il-ħames (5) imputazzjoni ġiet sodisfaċentement ippruvata.

## Kunsiderazzjonijiet dwar il-piena

Illi fir-rigward tal-piena li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat, din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom il-fedina penali aġġornata tal-imputat, in-natura u s-serjeta tal-imputazzjonijiet li tagħhom qiegħed jinstab ħati u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Tqis ukoll li din il-Qorti assumiet il-funzjoni ta’ Qorti dwar id-Droga u li l-imputat kien ġie riferut quddiem il-Bord ta’ Rijabilitazzjoni ta’ Persuni li Nqabdu bid-Droga, kif ukoll il-fatt li l-Bord kien sodisfatt bil-proċess ta’ rijabilitazzjoni tal-imputat u għalaq il-każ tiegħu b’suċċess.

Tqis ukoll li mill-provi mressqa fl-atti proċesswali jirrizulta, tal-inqas fuq bilanċ ta’ probabiltajiet, li r-reat ta’ pussess aggravat ta’ droga kokaina, li dwaru qiegħed

[33] A fol. 9 tal-atti proċesswali
[34] A fol. 54 tal-atti proċesswali

jinsab ħati l-imputat, kien prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga. Għalhekk tenut kont li din il-Qorti hija sodisfatta li jirriżulta l-kriterju msemmi fl-Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda ai termini tal-istess sub-artikolu, tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' *probation* jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija, li huma altrimenti applikabbli għar-reat ta' pussess aggravat tad-droga li tiegħu qiegħed jinstab ħati l-imputat.

Qieset ukoll li għalkemm mill-fedina penali aġġornata tal-imputat jirriżulta li l-imputat kien ġie akkużat f'żewġ okkazzjonijiet oħra li kien qiegħed isuq vettura mingħajr liċenzja tas-sewqan u mingħajr polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, flimkien ma reati oħra u li huwa fiż-żewġ okkażżjonijiet kien instab ħati, il-fedina penali żgur li ma tikkostitwixix l-aħjar prova f'dan ir-rigward. Illi l-prosekuzzjoni ma eżebietx is-sentenzi relattivi u konsegwentement billi ma tressqitx l-aqwa prova li turi jekk effettivament l-imputat kienx instab ħati ukoll tar-reat kontemplat fl-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta f'okkażżjonijiet preċedenti, din il-Qorti ser tapplika l-piena fl-Artikolu 3(2)(a) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, u cioe' l-piena applikabbli fil-każ tal-ewwel reat bi ksur tal-Artikolu 3 tal-istess Ordinanza.

Illi fir-rigward tal-konfiska tal-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest, li hija konsegwenzjali għas-sejbien ta' ħtija, jingħad illi fil-mori tal-proċeduri ġie fis-seħħ Att XXIX tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), li ġie fis-seħħ fl-erbgħa (4) ta' Ġunju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021). Illi permezz ta' dan l-Att l-Artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali ġie emendat kif ġej:-

> *"(b) fis-subartikolu (2) tiegħu l-kliem "u l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "u l-Qorti għandha tordna li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skont kif il-Qorti tqisil-gravità tar-reat."*

B'hekk wara l-imsemmija emendi illum l-Artikolu 579(2) jipprovdi li:-

> *(2) Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel, meta*

*tinsab ħatja, il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' erba' xhur sa sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien u l-Qorti għandha tordna li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skont kif il-Qorti tqis il-gravità tar-reat."*

Għalhekk fil-kors tal-proċeduri odjerni l-liġi ġiet mibdula b'tali mod li filwaqt li fiż-żmien meta seħħew ir-reati odjerni l-Qorti f'każ ta' ħtija kellha mandatorjament tordna li l-ammont kollu stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija jiġi konfiskat, wara l-imsemmija emendi, għalkemm il-Qorti xorta għandha mandatorjament tordna l-konfiska, il-liġi ħalliet id-diskrezzjoni f'idejn il-ġudikant fir-rigward tal-*quantum* tal-ammont li għandu jiġi konfiskat. B'hekk illum il-Qorti għandha d-diskrezzjoni li tordna li l-ammont stabilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija jiġi konfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu u dan skond il-gravita' tar-reat li l-Qorti ikollha quddiemha.

Il-Qorti tqis li hija l-Liġi l-iżjed vantaġġuża għall-imputat li għandha tapplika u għalhekk il-Qorti ser tapplika l-Liġi kif inhi viġenti illum u mhux fiż-żmien tal-kommissjoni tar-reati. Illi fil-każ odjern, il-Qorti tqis li għandha tordna l-konfiska biss ta' parti mill-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija li ngħata l-imputat.

**Decide**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, din l-Qorti, wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tar-Regolamenti għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi, Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikolu 8 tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga, Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 15(1)(a)(3) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 3(1)(1A)(2)(a)(2A) tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 533 u 579 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda ssib lill-imputat **Darryl Anthony Anderson** mhux ħati tar-raba' (4) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u qegħda tilliberah minnha, filwaqt li qegħda ssibu ħati tal-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3) u l-ħames (5) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u qegħda tikkundannah għall-piena ta' **tnax-il xahar priġunerija**, li bl-

applikazzjoni tal-Artikou 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tiġi **sospiża għal żmien sentejn mill-llum**, kif ukoll multa ta' **tlett elef u disa' mitt ewro** (€ 3900), li b'applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mija u ħamsin ewro (€150). F'kaz li l-ħlas ikun ser isir b'rati mensili, il-multa hawn imposta għandha titħallas fi żmien sebgħa u għoxrin (27) xahar u l-ewwel pagament għandu jsir fi żmien xahar mill-llum, b'dana li jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, l-ammont sħiħ jew kwalunkwe bilanċ rimanenti jiġi dovut minnufih u jekk dan ma jitħallasx jiġi konvertit fi priġunerija skond il-liġi.

Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċari u sempliċi, il-konsegwenzi skont il-liġi kemm-il darba huwa jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 15(3) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 3(2A) tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda **tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta' tlettax (13)-il xahar mid-data ta' din is-sentenza.**

Ai termini ta' l-Artikolu 579(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tordna l-**konfiska** a favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' **tliet mitt ewro (€300)**, rappreżentanti parti mid-depożitu u garanzija personali imposti bid-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech fl-ewwel (1) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016).

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tikkundanna lill-ħati **Darryl Anthony Anderson** iħallas is-somma ta' **tmien mitt ewro u tlett ċenteżmi (€800.03)**[35] **rappreżentanti l-ispejjeż in konnessjoni mal-ħatra tal-esperti** Godwin Sammut u Dr. Roberta Holland f'dawn il-proċeduri fi żmien sitt (6) xhur mill-llum.

Il-Qorti tordna wkoll illi dan ir-reat m'għandux jittieħed in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati

[35] *Fol* 57 u 122 tal-atti proċesswali

tal-Kondotta u dan fid-dawl tad-dettami tas-subartikolu (8) għall-Artikolu 8 tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga, Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga eżebita f'dawn il-proċeduri, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-harsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi process verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil

Deputat Reġistratur Michela Deguara